***- SELF BREVI MANU -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 39**
**Citazzjoni Numru: 1869/00/RCP**

**Alexander Bogdanovic**

**vs**

**Carlo Pergolani u b'digriet tad-9 t'April 2001 Dr Martin Fenech u l-P.L. Liliana Buhagiar gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-konvenut li huwa assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' sitt elef mark tedesk (DM6,000) liema somma giet avvanzata lilu bhala *self brevi* manu liema somma kellha tigi restitwita;

Illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretensjoni tieghu ghall-hlas tas-somma indikata hija certa, likwida u dovuta u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghal din it-talba tieghu.

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal sitt elef mark tedesk (DM 6,000) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u bl-imghax sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' Ottubru 2000, tal-20 ta' Jannar 2001, tat-13 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-hatra tal-kuraturi deputati.

Rat ir-rikors tat-22 ta' Marzu 2001 fejn gie mitlub in-nomina tal-kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-konvenut Carlo Pergolani.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-9 t'April 2001 fejn gew nominati bhala kuraturi deputati Dr Martin Fenech u l-PL Liliana Buhagiar.

Rat li l-istess kuraturi deputati gew debitament notifikati fl-24 u fis-26 ta' April 2001 rispettivament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala kuraturi deputati tal-14 ta' Mejju 2001 fejn ecceppew:-

(1) Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jirrispondu f'aktar dettal u precizzjoni fi stadju ulterjuri.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 30 tal-process.

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha attrici.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2001 fejn l-konvenut u id-difensur tieghu baqghu ma dehrux, kif lanqas dehru l-kuraturi deputati, u fejn Dr. Louis Cassar Pullicino ddikjara li ma ghandux provi izjed, inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-13 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru, 2001 fejn il-kuraturi deputati baqghu ma dehrux u peress li dawn lanqas resqu provi, u lanqas pprezentaw ebda affidavit, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret peress li l-attur qed jallega li silef lill-konvenut l-ammont ta' sitt elf mark tedesk b'titolu ta' self brevi manu li l-istess konvenut sallum naqqas li jirrifondi lill-attur.

Illi apparti id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 2 tal-process, jirrizulta li l-konvenut iffirma skrittura privata fil-24 ta' Jannar 1999 fejn iddikjara li:-

*"I the undersigned, Pergolani Carlo, with I.D. card 294143 F, living in Senglea, Palazzo Pergolani, 157, Two Gates Street, have borrowed from Dr. Aleksandar Bogdanovic 6,000 Deutsche Marks (six thousand DM) in October 1998.*

*I have promised to return the loan within two months time.*

*By December 1999, I still have not managed to return the money back, but now I am promising I will return the loan in two months time from this date: Malta 24.12.1999".*

Illi ma jirrizultax li dawn il-provi huma b'xi mod kontestati, u *di piu'* l-konvenut ma ghamel l-ebda prova ta' pagament tal-istess ammont minnu dovut, u ghalhekk jirrizulta li t-talbiet attrici gew ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati tal-konvenut inkwantu l-istess jopponu ghat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma f'munita Maltija li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal sitt elef mark tedesk (DM 6,000) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fil-15 ta' Settembru 2000 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001**